



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 38/25

Il-Lussemburgu, 24 ta' Marzu 2025

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Impenn solenni ta' żewġ Membri tal-Kummissjoni Ewropea

Matul udjenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Marzu 2025, żewġ Membri tal-Kummissjoni Ewropea ħadu l-impenn solenni previst fit-Trattati.

L-impenn solenni ttieħed minn Marta Kos u Valdis Dombrovskis.

Minkejja li t-Trattati ma jipprevedux il-modalitajiet speċifiċi għat-teħid tal-impenn solenni, il-Kummissjoni dejjem tat importanza kbira għall-fatt li l-impenn jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-impenn solenni meħud mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea huwa s-segwenti:

“Maħtur(a) Membru tal-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew, wara l-vot ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jiena nimpenja ruħi solennement:

li nosserva t-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħi kollha;

li neżerċita r-responsabbiltajiet tiegħi b'indipendenza totali, fl-interess ġenerali tal-Unjoni;

li fit-twettiq tal-kompiti tiegħi la nfittex u lanqas nieħu istruzzjonijiet minn xi gvern, istituzzjoni, korp jew organu;

li ma nwettaq ebda att li jkun inkompatibbli man-natura tal-funzjonijiet tiegħi jew mat-twettiq tal-kompiti tiegħi.

Jiena nagħraf l-obbligu stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħa tiegħu kull Stat Membru għandu josserva din in-natura u għandu jastjeni milli jfittex li jinfluwenza lill-Membri tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Jiena nimpenja ruħi wkoll li, matul il-perijodu tal-kariga tiegħi u wara li tintemm, nosserva l-obbligi marbuta mal-pożizzjoni tiegħi, b'mod partikolari d-dmir li naġixxi b'integrità u diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċettazzjoni ta' ċerti inkarigi jew ta' ċerti benefiċċji.”

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza jkunu disponibbli fuq [is-sit CVRIA](https://is-sit.cvria.eu).

Ibqgħu konnessi!



Anness

Diskors tal-President Koen Lenaerts

Sinjuri Membri tal-Kummissjoni Ewropea,

Sinjuri,

Hekk kif niddikjara miftuħa din l-udjenza, nagħtikom merħba fisem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Illum il-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' sabiex tirċievi l-impenn solenni ta' żewġ Membri tal-Kummissjoni Ewropea l-ġdida li ma setgħux jattendu għall-udjenza solenni tas 27 ta' Jannar li għadda, li matulha l-Presidenta tal-Kummissjoni u għoxrin Membru tagħha ħadu dan l-istess impenn.

Dan l-impenn solenni huwa previst fl-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u huwa ta' użanza stabbilita li dan jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Din l-użanza għandha tifsira simbolika doppja. Hija tesprimi l-impenn tagħha għar-rispett tad-dritt li jikkaratterizza l-Unjoni Ewropea u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tagħha, fosthom il-Kummissjoni. Din l-użanza tenfasizza wkoll l-importanza tal-kompiti li l-Kummissjoni hija mistennija twettaq, fl-interess ġenerali tal-Unjoni, konformement mat-Trattati.

Qabel nistedinkom tiegħu l-impenn solenni marbut mat-teħid tal-kariga tagħkom, ippermittuli li fil-qosor ħafna nqiegħed fil-kuntest l-avveniment li qiegħed ilaqqagħna llum.

Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-ħatra, bħala kulleġġ, tal-Membri tal-Kummissjoni l-ġdida.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Novembru 2024 li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea, li l-qari tagħha sar waqt is-seduta solenni tas-27 ta' Jannar, fetħet it-triq għall-eżerċizzju, minn din il-Kummissjoni, tas-setgħat li hija għandha skont it-Trattati, għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2024 sal-31 ta' Ottubru 2029.

Il-programm ta' azzjoni tal-Kummissjoni l-ġdida, li l-President tagħha ppreżentat ftit xhur ilu quddiem il-Parlament Ewropew, għandha l-għan li tagħti prijorità lil Ewropa iktar kompetittiva, iktar reżiljenti, iktar solidali u inqas dipendenti minn barra f'kuntest dinji diffiċli, li qed jinbidel b'mod qawwi fil-kuntest ġeopolitiku, ekonomiku, teknoloġiku u ambjentali.

Fost il-punti ewlenin ta' dan il-programm ta' azzjoni hemm ukoll it-tnejn għal iktar tkabbir fid-dawl tal-esperjenzi tat-tkabbir ewlieni tal-2004, li l-għoxrin anniversarju tiegħu ġie ċċelebrat f'Mejju tas-sena l-oħra.

Dawn il-prijoritajiet ta' azzjoni, sabiex insemmu biss xi wħud minnhom, jenfasizzaw l-importanza partikolari tal-kompetenzi li ngħatawkom, kemm fir-rigward ta' V. Dombrovskis, tal-ekonomija u tal-produttività, tal-implimentazzjoni u tas-semplifikazzjoni, u M. Kos, tat-tkabbir.

Il-kwalitajiet personali tagħkom kif ukoll l-esperjenza professjonali tagħkom u r-responsabbiltajiet ta' livell għoli li kontu meħtieġa teżerċitaw matul il-karrieri preċedenti tagħkom jagħtuni l-fiduċja li ser tkunu kapaċi taffrontaw l-isfidi kbar li jistennewkom matul din il-leġiżlatura u li ser teżerċitaw b'suċċess ir-responsabbiltajiet il-ġodda tagħkom.

Fisem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Membri tagħha, nifirħilkom mill-qalb u sinċerament nixtiqilkom li l-isforzi tagħkom jirnexxu sabiex tingħata ħajja ġdida lill-Ewropa u tikkonvinċu bil-valur miżjud li din il-kostruzzjoni Ewropa tirrappreżenta f'dawn iż-żminijiet fejn il-paċi u l-osservanza tal-Istat tad-dritt ma għadhomx għażla evidenti, anki fil-kontinent Ewropew.